Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 68/2014

**Clentec Limited (appellanti)**

**Vs**

**Direttur Generali (Kuntratti) ossia l-Kap Dipartiment tal-Kuntratti (appellat)**

16 ta' Marzu, 2018.

1. B'sentenza tal-24 ta' Novembru, 2015 It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ddecieda li ma kellux il-kompetenza sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza li pproponiet l-attrici. Eccezzjoni li t-Tribunal qajjem *ex officio* b'digriet tal-5 ta' Awissu, 2015 wara li kienu nstemghu provi fil-meritu.

2. B'rikors prezentat fl-14 ta' Dicembru, 2015 l-attrici appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

   2.1 L-artikoli 5 u 7 tal-Kap. 490 jaghtu lit-Tribunal setgha generali li jirrevedi l-atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika. Ghalhekk peress li d-Dipartiment tal-Kuntratti jifforma parti mill-amministrazzjoni pubblika allura d-decizjonijiet tieghu huma soggetti ghar-revizjoni tat-tribunal;

   2.2 Ghalkemm fir-rikors promotur it-talbiet kienu mfassla fuq id-dicitura li nsibu fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attrici ma talbitx dikjarazzjoni gudizzjarja abbazi ta' dan l-artikolu tal-ligi;

   2.3 F'kawza ohra 'Robert Hughes et vs. Permanent Secretary, Ministry for Finance, Economy and Investment et.', it-talbiet ukoll kienu mfassla fuq il-kliem uzat fl-artikolu 469A tal-Kap. 12, u dakinhar la l-partijiet u lanqas it-Tribunal ma qajmu xi eccezzjoni illi l-kwistjoni li jaqghu taht l-artikolu 469A ma jistghux ukoll jigu sindikati mit-Tribunal;

   2.4 Fejn il-kompetenza tat-Tribunal m'hijiex limitata ghal dawk l-awtoritajiet li jinsabu mnizzla fl-iskedi mehmuza mal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta, izda rrispettivament minn dan, ladarba fil-lista hemm il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici dan awtomatikament idahhal ukoll lid-Direttur tal-Kuntratti;

   2.5 Fejn l-abbozz ta' ligi li ssemma mit-Tribunal fil-motivazzjonijiet tieghu la jista' jinstab u lanqas ma huwa rilevanti ladarba dan ghadu mhux fis-sehh;

3. Il-konvenut wiegeb u ta ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. L-ilment tal-attrici jikkoncerna d-decizjoni tal-intimat li jeskludiha mill-oghti ta' kuntratti pubblici ghall-perjodu ta' sentejn b'effett mit-18 ta' Frar, 2014. L-attrici ssostni li dik id-decizjoni hi *ultra vires*. Dan wara li Jesmond Turner, direttur tal-kumpannija attrici instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li matul il-perjodu l-1 ta' Novembru 2012 sal-31 ta' Marzu 2013 naqas milli josserva jew jaghti lill-impjegati tieghu l-perjodu minimu ta' mistrieh kull gimgha. L-attrici ssostni li d-decizjoni tal-konvenut kienet ibbazata fuq klawzola 10.1 (General Conditions for Service Contracts) li ma tapplikax ghall-kaz in ezami peress li l-imsemmi kaz ma kienx jitratta dikjarazzjonijiet foloz ta' Clentec Limited u lanqas ma kienx kaz fejn l-attrici naqset milli twettaq l-obbligi kuntrattwali f'kuntratt precedenti.

5. L-ewwel talba fir-rikors promotur taqra:

> *"1. Jiddikjara illi d-decizjoni datata 3 ta' April 2014 (u kkonfermata fit-2 ta' Gunju, 2014) mahruga mid-Direttur Generali (Kuntratti) illi permezz taghha s-socjeta rikorrenti giet eskluza milli tkun tista' tippartecipa f'kuntratti pubblici ghal zmien sentejn, tikkonsisti f'eghmil amministrattiv li huwa* ***ultra vires minhabba li dan l-eghmil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita pubblika billi sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew gie msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u billi l-istess ghemil imur ukoll kontra l-ligi billi msejjes fuq klawzola li mhijiex applikabbli ghall-kaz odjern****".*

6. Hu evidenti li t-talba hi bbazata fuq ir-ragunijiet li jissemmew fl-artikolu 469A(1)(b)(iii) u (iv) tal-Kap. 12. Hu veru li l-attrici ma semmitx b'mod espress l-artikolu 469A, pero' hu car li l-ilment hu mibni fuq l-imsemmija disposizzjoni.

7. Jidher li bl-Att dwar il-Gustizzja Amministrativa (Kap. 490) ma kinitx l-intenzjoni tal-legislatur li jkun hemm *concurrent jurisdiction*, fis-sens li persuna ghandha jedd taghzel tressaq l-ilment taghha quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jew il-qrati civili taht l-artikolu 469A(b) tal-Kap. 12. Filwaqt li l-artikolu 7 tal-Kap. 490 kien jipprovdi:

> *"It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun* ***kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt****. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun diga' qieghd jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima";*

l-artikolu 469A tal-Kap. 12 jistipula li:

> *"(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi,* ***il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili <u>ghandhom gurisdizzjoni</u> biex jistharrgu l-validita ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss****:"*

8. L-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 jipprovdi li dik id-disposizzjoni m'ghandhiex tapplika meta, *"... l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra"*. Disposizzjoni li teskludi *concurrent jurisdiction*.

9. Hu evidenti wkoll li ma kinitx l-intenzjoni tal-legislatur li l-istharrig kollu ta' eghmil amministrattiv isir quddiem it-Tribunal. Tant hu hekk li l-artikolu 469(a) tal-Kap. 12 ghadu fis-sehh.

10. L-artikolu 24(1) tal-Kap. 490 jipprovdi:-

> *"Mad-dħul fis-seħħ tat-Taqsimiet III u IV ta' dan l-Att,* ***il-proċeduri kollha pendenti quddiem dawk il-persuni, korpi jew tribunali amministrattivi li kienu kompetenti qabel id-dħul fis-seħħ tal-artikolu 25, għandhom jiġu assenjati lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għad-deċiżjoni tiegħu*** *u għandhom jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Taqsimiet III u IV ta' dan l-Att; u l-Ministru jista' jistabilixxi dati differenti għad-dħul fis-seħħ tat-Taqsimiet III u IV ta' dan l-Att fir-rigward ta' persuni, korpi u tribunali amministrattivi differenti msemmija fl-artikolu 25".*

11. Imbagħad l-artikolu 25(2) tal-Kap. 490 jipprovdi:-

> *"It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu* ***minn issa 'l quddiem ikollu l-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunal amministrattivi msemmija fil-ligijiet elenkati fit-Tielet Skeda*** *qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu".*

12. Minn dawn id-disposizzjonijiet jidher li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li l-kompetenza tat-Tribunal tkun limitata ghal dawk il-kazijiet li qabel kienu kompetenza ta' *"persuni, korpi u tribunal amministrattivi"* ohra. F'dan il-kuntest hi rilevanti s-sentenza tal-Prim'Awla tat-23 ta' Frar, 2012 fl-ismijiet **Raymond Abela vs Awtorita ghat-Trasport f'Malta**[1], li kkonfermat din il-linja ta' hsieb. F'dik is-sentenza l-qorti osservat:-

> *"Izda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubblici jew dawk il-korpi biss li l-Att kostituttiv tieghu espressament jaghnih bihom fit-Tielet Skeda tieghu [Artikolu 25(2) tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta] u ma ghandux is-setgha li jistharreg l-ghemil ta' awtoritajiet ohrajn li jaqghu fil-kompetenza wahdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgha ta' din il-Qorti li tisma' kawza ta' stharrig gudizzjarju tibqa' wahda residwali bhala garanzija ahharija fejn il-persuna mgarrba ma jkollhiex rimedju iehor gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju taht xi ligi ohra jew quddiem xi tribunal iehor".*

Ic-cirkostanzi ta' dak il-kaz mhumiex rilevanti ghal dak li jirrigwarda l-principju li spjegat il-qorti.

[1] Ara pagna 11 tas-sentenza tat-Tribunal.

13. Ghalkemm l-iskeda III ma dahhlitx fis-sehh, bdew isiru emendi fil-ligijiet specjali biex it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jiehu l-post ta' tribunali ohra li qabel l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva kienu dawk kompetenti biex jistharrgu atti amministrattivi. Hekk per ezempju l-Board of Special Commissioners fil-qasam tat-taxxa. Madankollu sal-lum xorta ghad hemm tribunal amministrattivi li jistharrgu atti amministrattivi, bhal per ezempju l-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318).

14. Ghaldaqstant, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kien korrett meta kkonkluda li ma kellux kompetenza biex jisma' u jiddeciedi l-kawza.

15. Imbaghad b'emenda ntrodotta bl-Att IV tal-2016, giet inkluza disposizzjoni li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva m'ghandux kompetenza generali li, *"…. jirrevedi atti amministrattivi li jistghu jigu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili …."* (artikolu 5(2) tal-Kap. 490). Kull dubju li seta' kien hemm gie eskluz. B'din l-emenda ma jfissirx li qabel saret it-Tribunal kellu l-kompetenza li jisma' u jiddeciedi kull stharrig ta' att amministrattiv.

16. L-attrici argumentat li r-Regolament dwar il-Kuntratti Pubblici (L.S. 174.04) tirregola l-agir tal-konvenut, ghaliex jissemma fl-ewwel Skeda tal-Kap. 490; *"Tkun haga illogika u inkoncepibbli illi l-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici 'jimxi skont il-principju ta' mgieba amministrattiva tajba' filwaqt li d-Direttur Generali (Kuntratti) ossia il-Kap tad-Dipartiment, jista' ma jaghmilx hekk"* (fol. 10). Argument li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-eccezzjoni ta' kompetenza. F'kull kaz il-konvenut mhuwiex tribunal amministrattiv. Il-principji ta' mgieba amministrattiva tajba japplikaw fir-rigward ta' tribunali amministrattivi li jissemmew fl-Ewwel Skeda.

17. Hekk ukoll ir-riferenza ghas-sentenza **Robert Hughes et vs. Permanent Secretary, Ministry for Finance, Economy and Investment et** li nghatat mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-17 ta' Novembru 2014, hi rrilevanti ghaliex f'dak il-kaz ma jirrizultax li giet deciza eccezzjoni dwar il-kompetenza.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.